# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

**IMĦALLEF**

**ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

## Illum it-Tlieta, 13 ta' Lulju, 2021

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 12/2021 ISB**

**Waypoint Asset Malta Ltd. (C 63764)**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti **Waypoint Asset Malta Ltd** pprezentat fis-16 ta' Frar 2021, li permezz tieghu hija esponiet bir-rispett:-

1. Illi dan ir-rikors qed jiġi ppreżentat ai termini ta' Artikolu 218(1)(c) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") permezz ta'

liema qiegħed jintalab ix-xoljiment u l-istralċ konsegwenzali bil-qorti tas-soċjetà rikorrenti skont Artikolu 214(1)(a) tal-Att, wara riżoluzzjoni straordinarja tal-istess soċjetà annessa hawn taħt u mmarkata bħala **Dokument W 1**;

2. Illi is-soċjetà rikorrenti hija soċjetà b'responsabbiltà limitata u *'single-member'*, li ġiet imwaqqfa f'Malta fis-6 ta' Frar 2014, u l-attività prinċipali tagħha kienet tikkonsisti fil-kera ta' ħelikopters. Is-sid uniku tagħha hija Waypoint Asset Co 3 Limitation (*in liquidation*) ("**WAC3**") u tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji (il-"**Grupp**");

3. Illi kif huwa evidenti mir-Rapporti Finanzjarji tas-soċjetà rikorrenti għas-snin finanzjarji li ntemmu fl-31 Diċembru 2019 u 31 Diċembru 2018 (annessi hawn taħt u mmarkati bħala **Dokument W 2**), fl-2018 is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Grupp marret għall-agħar u l-Grupp daħlet f'tranżazzjoni għall-bejgħ ta' kważi l-assi kollha tagħha (it-"**Tranżazzjoni**");

4. Illi din it-Tranżazzjoni saret fil-kuntest ta' proċedimenti tal-*'Chapter 11*' ġewwa l-Istati Uniti, u dawn l-istess qrati sussegwentement awtorizzaw pjan għall-organizzazzjoni mill-ġdid sabiex jiġu mwettqa distribuzzjonijiet lill-kredituri, il-ħatra ta' Amministratur tal-Pjan, u sabiex jippożizzjonaw il-Grupp kollu għall-istralċ tal-entitajiet tiegħu li jinsabu madwar id-dinja. Dan il-pjan ipprovda ukoll għall-maħfra tal-bilanċi kollha fil-Grupp innifsu, bejn l-entitajiet tiegħu;

5. Illi bosta entitajiet tal-Grupp diġà qegħdin f'proċeduri formali għall-istralċ. Is-soċjetà rikorrenti waqfet l-attivitajiet kummerċjali tagħha fl-2019, u temmet il-kuntratti tal-kiri kollha li kellha, u r-rapporti finanzjarji msemmija hawn fuq ma ġewx ippreparati fuq '*going-concern basis'*;

6. Illi l-abbozzi tal-*Management Accounts* tas-soċjetà rikorrenti ppreparati sal-14 Diċembru 2020 huma annessi wkoll hawn taħt u mmarkati bħala **Dokument W 3**;

7. Illi l-uniku azzjonist u l-uniku direttur tas-soċjetà rikorrenti għalhekk iffirmaw u għaddew ir-riżoluzzjonijiet msemmija hawn fuq sabiex is-soċjetà rikorrenti tippreżenta dan ir-rikors u titlob ix-xoljiment u konsegwenzali stralċ tagħha minn din l-Onorabbli Qorti.

GĦALDAQSTANT u fid-dawl tas-suespost, is-soċjetà rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) Tordna illi s-soċjetà rikorrenti Waypoint Asset Malta Ltd (C 63764) tiġi xjolta u konsegwentement stralċjata minn din l-Onorabbli Qorti abbażi tal-Artikolu 214(1)(a) tal-Att;

(ii) Taħtar likwidatur sabiex jieħdu f'idejh l-istralċ tas-soċjetà rikorrenti skont il-liġi; u

(iii) Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors (fol 3 sa fol 17).

Rat id-digriet taghha kif dak in-nhar preseduta tal-5 ta` Marzu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-1 ta' Gunju 2021 fl-10:30am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-21 ta' April 2021 (ara tergo ta` fol 20).

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2021, dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji u l-Avukat Luisa Cassar Pullicino ghas-socjeta` rikorrenti, li minn naha taghha tablet lill-Qorti sabiex tghaddi ghall-provvediment fuq l-atti li hemm.

Rat illi l-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta mir-rikors promotur is-segwenti:

Illi s-socjeta` rikorrenti **Waypoint Asset Malta Ltd. (C 63764)** twaqqfet u giet registrata f'Malta fis-6 ta' Frar 2014 u l-attivita` principali taghha kien il-kiri ta' helicopters;

Illi hija socjeta` b'responsabbilita' limitata u '*single-member'*;

Illi s-sid uniku tal-kumpannija rikorrenti hija Waypoint Asset Co 3 u din ukoll tinsab ghaddejja minn proceduri ta' xoljiment;

Illi s-socjeta`rikorrenti tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji u kif jixdhu r-rapporti finanzjarji annessi mar-Rikors, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija rikorrenti u tal-grupp li tifforma parti minnhu marret ghall-aghar.

Illi fil-kuntest tal-procedimenti tal-*Chapter 11* gewwa l-Istati Uniti, inghata bidu ghal pjan ta' organizazzjoni mill-gdid sabiex jigu mwettqa distribuzzjonijiet lill-kredituri, il-hatra ta' Amministratur tal-pjan u sabiex

jippozizzjonaw il-Grupp kollu fi stralc tal-entitajiet li jinsabu madwar id-dinja, mhux lanqas l-entita' rikorrenti.

Illi s-socjeta` rikorrenti waqqfet l-attivita' ekonomika taghha fis-sena 2019 u tterminat il-kuntratti ta' kiri ta' helicopters kollha li kellha;

Illi ghalhekk, b'rizoluzzjoni tas-socjeta` rikorrenti **WayPoint Asset Malta Ltd (C-63764)** tal-10 ta' Frar 2021, maghmula ai termini tal-artikoli 50 u 93 tal-Articles of Association tal-istess socjeta` rikorrenti, gie rizolt, fost ohrajn, illi :

> *The Company shall be put into dissolution by the Court in accordance with Section 214(1)(a) of the Companies Act, Cap 386 of the Laws of Malta.*
>
> *That any one director and/or the comapny secretary be and are hereby appointed jointly and severally as the Company's attorney for the purposes of .......*

fost ohrajn, biex jintavolaw dawn l-odjerni proceduri.

**Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi taghha hija msejjsa din il-procedura huwa l-artilu 214(1)(a) li jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti;*

**Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artiklu 218(1) jghid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi gew sodisfatti il-voti tal-ligi sabiex tkun tista` tghaddi biex takkolja it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-Qorti giet mgharrfa bihom, din il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet kif dedotti fir-rikors tas-socjeta` rikorrenti u:

1. **Tordna** illi s-socjeta` **Waypoint Asset Malta Ltd (C63764)** tigi xjolta b'effett immedjat u konsegwentament stralcjata a bazi tal-artiklu 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Tahtar** lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju.

3. **Taghti** lill-istralcarju s-setghat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

    a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija *de quo*, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghmel rapport lill-Qorti ai termini tal-Artiklu 227 tal-istess KAP 386,

    b) Jaghmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija *de quo* u jekk ikun il-kaz, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

    c) Jiehu taht il-kustodja u l-kontroll tieghu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Waypoint Asset Malta Ltd** jista' ghandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

    d) Jaghmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proceduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

e) Jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' ghandha,

4. **Tordna** lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sa qabel l-udjenza li jmiss.

5. **Tordna** li l-ispejjez u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-procediment, inkluzi l-ispejjez kollha tal-istralc komprizi l-ispejjez u d-drittijiet tal-istralcjarju, ghandhom jithallsu mill-kumpannija rikorrenti Waypoint Asset Malta Ltd.

**Finalment, il-Qorti qed thalli l-istralc ghar-rapport tar-Ricevitur Ufficjali.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**